MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 16 ta' Frar, 2017

Rikors numru: 16/17LM

Wara l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju
bin-numru 1301/2016 fl-ismijiet:

**77 Limited (C36886)**

**vs.**

**Pio Micallef (K.I. 531152M) u Victoria Micallef (K.I. 740848M)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar, 2017 mis-sekwestrati **Pio Micallef u Victoria Micallef** (minn issa 'l quddiem "is-sekwestrati")

għar-revoka parzjali tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1301/16, fejn ippremettew u talbu is-segwenti:

*Illi nħareġ l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hawn fuq ċitat kontra l-esponenti għall-ammont ta' tmienja u erbgħin elf u ħamsa u tmenin Euro (€48,085).*

*Illi l-Bank of Valletta permezz taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1518/16 fl-ismijiet premessi adixxa lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha ddepożita s-somma ta' erbat elef mija ħamsa u erbgħin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,145.44) sabiex tiġi żbankata minn min għandu dritt għaliha skont il-Liġi.*

*Illi l-APS Bank permezz taċ-Ċedola 1584/16 fl-ismijiet premessi adixxa lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha ddepożita s-somma fl-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, u ħamsa u tmenin Euro (€48,085) rappreżentanti s-sorte u t-talba tas-soċjetà sekwetranta ġiet sodisfatta.*

*Illi, peress li ġie depożitat l-ammont hekk kif rikjest fil-mandat ta' sekwestru ossia ta' tmienja u erbgħin elf, u ħamsa u tmenin Euro (€48,085) hemm biżżejjed sigurtà biex jissodisfa l-ammont pretiż mis-soċjetà sekwestranta, u l-esponenti diġà urew dan ampjament fl-atti tar-rikors bin-numru 826/2016LM.*

*Illi in vista ta' dan, m'hemmx lok li jinżamm ferm il-kontromandat fir-rigward tas-sekwestratarju Bank of Valletta plc u li tibqa' depożitata fil-Qorti s-somma depożitata mill-istess sekwestratarju ta' erbat elef mija ħamsa u erbgħin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,145.44), stante illi tmur oltre għal dak mitlub mis-soċjetà sekwestranta 77 Limited.*

*Illi għalhekk qed issir din it-talba a bażi tal-Artikolu 836(8)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi ma għandux ikun hemm dubju fir-rigward tal-likwidità tal-esponenti, u ma' dan ir-rikors qed jiġi anness dokumentazzjoni (Dok. B) li jikkonfermaw dan u hemm l-ammont depożitat mis-sekwestratarju APS Bank li qiegħed ġa depożitat il-Qorti.*

*Għaldaqstant, l-esponenti qed jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka l-mandat hawn fuq imsemmi fil-konfront tas-sekwestratarju Bank of Valletta plc u tawtorizza l-iżbank tal-ammont depożitat mill-istess sekwestratarju ta' erbat elef mija ħamsa u erbgħin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,145.44) stante illi jmur oltre l-ammont rikjest mill-mandat ta' sekwestru, u dana taħt kull provvediment li jogħġobha timponi.*

Rat ir-Risposta tas-soċjetà sekwestranta **77 Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà sekwestranta"), ippreżentata fis-17 ta' Jannar, 2017, fejn opponiet għat-talba għas-segwenti raġunijiet:

1. *Illi fl-ewwel lok, biex ma jkun hemm l-ebda ekwivoku, l-konjuġi Micallef huma tenuti jiddikjaraw liema għodda proċedurali qed jindqew biha biex iressqu l-preżenti talba tagħhom u jirrilevaw liema dispożizzjoni tal-liġi qed jinvokaw in sostenn tat-talba speċifika tagħhom. Dan hu rikjest, proprju għax "All parties to judicial proceedings have a duty to make their position clear so that the opposing party knows what is exactly being contested." (digriet kamerali mogħti fil-proċeduri in re **E-Management Ltd v. Rebels Gaming Ltd**, Prim'Awla, Rikors Maħluf nru. 228/2013/AE datat 29 ta' Lulju, 2013). Inoltre, hi dispożizzjoni espliċita fil-kodiċi proċedurali tagħna li tgħid li, "Kull użu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi m'għandux ikollhom effett." [Art. 1009 Kod. Proċ. Ċiv.]. Konsonu ma' tali dispożizzjoni hu t-tagħlim riportat fis-sentenza in re **Tabiba u Kirurga Anne Cremona Barbaro v. Prof. Edwin J. Borg Costanzi** noe (Appell Superjuri, 14 ta' Awwissu, 1975; mhux pubblikata) li jafferma illi, "l-ebda prattika għalkemm kostanti, ma tista' tmur kontra l-espressa dispożizzjoni tal-liġi, u l-prattika ma tistax tipprevali fuq dak li tiddisponi l-liġi" u "l-ebda prattika ma tista' tħassar dak li l-liġi tiddisponi."*

2. *Fid-dawl tal-preċedenti paragrafu introduttiv, is-soċjetà hawn esponenti tammetti li sabitha alkwantu diffiċli tipprova tikkazella l-proċedura u talba relattiva mressqa mill-konjuġi Micallef bir-rikors tagħhom datat 9 ta'*

*Jannar, 2017 f'xi proċedura appożita rikonoxxuta fl-ordinament patriju. Dan għar-raġunijiet li ġejjin.*

3. *It-talba tal-konjuġi Micallef ma setgħat qatt isseħħ fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru numru 1301/2016 fl-ismijiet fuq premessi. Tali att kawtelatorju m'għadux aktar fis-seħħ u dan peress illi fit-28 ta' Ottubru, 2016 kien inħareġ kontromandat bin-numru 1583/2016 fejn l-effetti ġuridiċi tal-imsemmi att kawtelatorju ta' sekwestru ġew estinti bl-operat tal-imsemmi kontromandat (salv għal dak kwalifikat fil-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2016 fil-proċeduri ref. nru. 826/2016LM – kopja annessa bħala "Dok: A"). F'dan is-sens it-talba tal-konjuġi Micallef (viz. revoka sekwestru nru. 1301/2016 ) hi waħda superfluwa, legalment insostenibbli u ma tista' qatt tintlaqa' għax hi diretta kontra r-revoka ta' att ġjà revokat.*

4. *Illi bla preġudizzju għal dak s'issa rilevat, anke jekk, gratia argomenti, l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru numru 1301/2016 fl-ismijiet fuq premessi (kopja annessa bħala "Dok: B") jiġi dikjarat revokat, jibqa' l-fatt li l-ammont depożitat minn Bank of Valletta biċ-ċedola ta' depożitu bin-nru 1518/2016 datata 28 ta' Settembru, 2016 (kopja annessa bħala "Dok: C"), ma jistax jiġi żbankat u dan in vista tal-imsemmi verbal tal-Qorti li fejn kien ġie reġistrat hekk: "L-Avukat Kevin Camilleri Xuereb jiddikjara li salv li jirriżerva d-drittijiet tas-soċjetà intimata għall-ispejjeż tal-mandat u tal-kontromandat, jista' jinħareġ il-kontromandat relattiv" u wkoll ta' dak dikjarat bħala "Raġuni" fl-imsemmi kontromandat.*

5. *Illi għal dak li jirrigwarda t-talba għar-revoka tal-kontromandat [vide l-ħames premessa fir-rikors tad-9 ta' Jannar, 2017], is-soċjetà hawn esponenti ma tistax tifhem kif kontromandat qed jintalab li jiġi revokat. Effettivament, it-talba odjerna hi fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1301/2016 u mhux fl-atti tal-kontromandat numru 1583/2016. Jekk tali kontromandat (kopja annessa bħala "Dok: D") jiġi revokat, dan ikun ifisser li l-mandat kawtelatorju ta' sekwestru nru 1301/2016 jerġa' jiġi riattivat. Il-kontrosens f'tali talba għandu jirriżulta manifest u apparenti u dan anke 'l għaliex anke – gratia argomenti wkoll – tali kontromandat jiġi revokat, l-effetti tas-suddetta ċedola ta' depożitu ta'*

*Bank of Valletta plc jibqgħu dejjem veljanti bis-saħħa tar-riattivazzjoni tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1301/2016.*

6. *Ir-referenza għall-Art. 836(8)(ċ) Kod. Proċ. Ċiv. mill-konjuġi Micallef fir-rikors tagħhom tad-9 ta' Jannar, 2017 hija wkoll waħda superfluwa, legalment insostenibbli u ma tistax tintlaqa'. Dan għal żewġ raġunijiet primarji:*

   (a) *fl-ewwel lok, l-Art. 836(8) Kod. Proċ. Ċiv. ma jistax jiġi invokat waħdu u in vacuo, iżda hu solament applikabbli meta jkun hemm talba skont l-Art. 836(1) Kod. Proċ. Ċiv. Minn qari tad-dispożizzjoni sħiħa tal-Art. 836 u d-diversi sub-inċiżi tiegħu, joħroġ ċar li talba għal penali ex Art. 836(8) hi intimament interkonnessa u impliċitament kollegata mat-talba ex Art. 836(1). Dan hu għax hi norma stabbilita illi "ex antecedentibus et consequentibus fit optima interpretatio". Fi kliem divers, u kif rakkjuż fil-ġurisprudenza domestika, "per interpretare la legge in una maniera giusta è necessario conferire insieme tutti gli articoli e non decidere dietro uno dei suoi precetti" (**Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et**, Appell Kummerċjali, 21 ta' Ġunju, 1871). Għalhekk, dispożizzjoni m'għandhiex tittieħed singolarment u/jew in abstracto, jew tinqara u tiġi interpretata in lontananza mill-kuntest sħiħ tal-leġislazzjoni li tabbraċċjaha stante li, "Naturalment wieħed ma jistax iwarrab minn quddiem għajnejh il-kontest kollu tal-liġi inkwistjoni u liġijiet oħra li jistgħu jkunu rilevanti: «tota lege perspecta» " (**Grazio Pace v. Vivian De Gray noe**, Appell Superjuri, 25 ta' April, 1969; mhux pubblikata). Ir-rikors tal-konjuġi Micallef ma jidhirx li huwa msejjes fuq l-Art. 836(1) u allura ma jista' jkun tal-ebda rilvenza l-Art.836(8) minnhom ċitat;*

   (b) *fit-tieni lok, għall-applikazzjoni tal-Art. 836(8) Kod. Proċ. Ċiv. hi kundizzjoni sine qua non li jrid ikun hemm pre-eżistenti u viġenti att kawtelatorju. Fil-każ preżenti dan m'għadux aktar viġenti għall-motivi diġà deskritti aktar kmieni. Se mai, dato ma non concesso, tali dispożizzjoni kellha tiġi invokata fil-proċeduri ref. nru 826/2016LM (li ormai ġew ċeduti u konkjużi – kopja annessa bħala "Dok: E") u ċertament mhux f'dawk odjerni;*

(c) *is-senjalazzjoni u l-invokazzjoni tal-Art. 836(8)(ċ) Kod. Proċ. Ċiv. mill-konjuġi Micallef hi marbuta mar-revoka ta' att kawtelatorju (ref. nru. 1301/2016) u/jew tal-kontromandat (ref. nru. 1583/2016), filwaqt li d-dispożizzjoni ma tikkontemplax ir-revoka iżda solament il-kwistjoni tal-penali. Fil-każ odjern – kif prospettat fir-rikors tad-9 ta' Jannar, 2017 – ma hemm l-ebda talba għall-ikkundannar ta' penali, iżda sempliċement talba għat-tħassir ta' mandat (kawtelatorju jew kontromandat).*

7. *Illi fi kwalunkwe każ, kwalsiasi ammont li ġie depożitat taħt l-awtorità ġudizzjarja (komplessivament €4,264.05ċ + €48,085.00ċ = €52,230.44ċ) għandu jibqa' hekk depożitat sabiex l-eventwali imgħaxijiet legali fuq is-sorte ta' €48,085.00ċ u l-ispejjeż u d-drittijiet professjonali tal-kawża ref. nru 788/2016LM fl-imsijiet "77 Limited v. Pio Micallef et" (kawża), tas-sewkestru kawtelatorju ref. nru 1301/2016 tad-9 ta' Settembru, 2016 u tal-kontromandat ref. nru 1583/2016 tat-28 ta' Ottubru, 2016 - u ta' kwalsiasi proċedura addizzjonali jew anċillari li l-konjuġi Micallef beħsiebhom jittentaw ulterjorment (e.g. bħal dawk bin-nru 826/2016LM u dawk odjerni) – jkunu koperti u debitament kawtelati.*

8. *Illi fl-aħħar, l-esponenti tissenjala aspett li ma jistax jiġi leġġerment sorvolat. Jiġi rilevat li din il-Qorti ma tistax tordna l-ebda żbank ta' flejjes preċedentement depożitati taħt l-awtorità ġudizzjarja u dan fid-dawl tad-dikjarazzjoni espressa fil-kontromandat ref. nru 1583/2016 datat 28 ta' Ottubru, 2016 fejn hemm imniżżel testwalment illi l-mandat ta' sekwestru għandu jibqa' ferm biss fil-konfront taċ-ċedola nru 1581/2016 (€4,264.05ċ) u ċedola nru 1584/2016 (€48,085.00ċ). Jiġi rilevat illi għalkemm tali kontromandat huwa tas-soċjetà hawn esponenti, l-istess ġie redatt mill-prokuratur legali tal-konjuġi Micallef, hekk kif jixhdu l-kalligrafija u s-sottoskrizzjoni relattiva.*

9. *Għalhekk, hu alkwantu anomalu kif l-ewwel il-mandatarju rappreżentattiv tal-konjuġi Micallef (i.e. l-Prokuratur Legali) jissottoskrivi dikjarazzjoni li l-mandat ta' sekwestru għandu jibqa' ferm fil-konfront taċ-ċedola nru*

*1581/2016 u ċedola nru 1584/2016 u issa l-istess konjuġi Micallef iridu jdawwru kelmthom u jiskonvolġu materja li ġjà ġiet siġillata.*

10. *Fid-dawl tal-paragrafu preċedenti, ma jkunx futili jiġi mfakkar il-prinċipju illi flimkien mal-Avukat patroċinanti, l-Prokuratur Legali, għandu rwol rappreżentattiv tal-parti u dan għax huwa mandatarju speċjali fil-kwistjonijiet legali u fl-atti ġudizzjarji minnu sottomessi u ffirmati. Hu floku li hawnhekk iseħħ rikjam għal dak li qal l-Imħ. Maurice Caruana Curran fil-ktejjeb tiegħu intitolat "The Legal Procurator: A Study of the Historical Background, Status & Functions of the Profession" (Progress Press, 1950) fejn jingħad, b'introduzzjoni, hekk: «The legal relationship between legal procurator and client is similar to that between advocate and client, that is, juridically speaking it is a relationship quite "sui generis", though it partakes both of the contract of mandate (involving representation) and of the contract "locatio operis" (not involving representation)» (p. 4). Inoltre, l-istess awtur, b'referenza għall-kawża tal-Qorti tal-Appell in re* ***'Dr. Ant. Caruana vs. Scerri'*** *18 ta' Ġunju, 1926 (**Kollezz. Vol. XXVI-533**) jżid igħid illi l-imsemmija qorti "... held that according to our system of law the party who entrusts an advocate with his defence in a lawsuit impliedly entrusts him also with the duty of employing a legal procurator, unless he has shown the advocate a wish to the contrary. Assistance of the legal procurator, the Court went on to say, is indispensable to the advocate in the filing of judicial acts, and the client who allows such acts to be filed by the legal procurator tacitly recognises the services rendered to him by the latter even though there have been been no direct relations between them" (ibid. p.8). L-istess identiku tagħlim jinsab riportat fil-ktieb "A Manuel For Legal Procurators", kompilat u editjat minn Paul Saliba (Chamber of Legal Procurators, Malta 1996).*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, u għal oħrajn li jafu jqumu waqt kwalsiasi trattazzjoni tal-preżenti kwistjoni, t-talba dedotta mill-konjuġi Micallef fir-rikors tagħhom tad-9 ta' Jannar, 2017 fl-ismijiet fuq premessi, għandha tiġi kompletament miċħuda, bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-istess konjuġi Micallef.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-atti tar-Rikors 826/2016LM u l-atti tal-mandat numru 1301/16.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017 fejn is-sekwestrati għamlu riferiment għar-rikors tagħhom u ppremettew li fejn jissemma artikolu 836(8)(ċ) għandu jiftiehem bħala artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap. 12.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017 fejn ħalliet il-kawża għad-digriet kamerali.

**Ikkunsidrat:**

Illi rigward l-eċċezzjonijiet proċedurali li ressqet is-soċjetà sekwestranta, li jinstabu fl-ewwel u t-tieni paragrafu tar-risposta tagħha, il-Qorti ssib li, apparti l-iżball ovvju fejn is-sekwestrati kkwotaw sub-inċiż b'ieħor tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12, it-talba tas-sekwestrati tiftiehem perfettament, u ċjoè hija talba għar-revoka parzjali tal-

mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1301/16, u ma hemm għalfejn jiżdied xejn aktar f'dan ir-rigward.

Illi għar-rigward tat-tielet paragrafu tar-risposta tas-soċjetà sekwestranta, mhux korrett dak illi jingħad illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1301/16 m'għadux aktar fis-seħħ peress illi fit-28 ta' Ottubru, 2016 kien inħareġ kontromandat bin-numru 1583/2016. It-talba tas-sekwestranti fil-proċedura odjerna qiegħda ssir appuntu għar-rigward dik il-parti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li nżamm fis-seħħ. Fl-atti tal-kontromandat 1583/16, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1301/16 inżamm ferm u fis-seħħ għar-rigward iċ-ċedola ta' depożitu numru 1518/16 (Bank of Valletta p.l.c.) fl-ammont ta' €4,145.44 u għar-rigward iċ-ċedola ta' depożitu numru 1584/16 (APS Bank Ltd.) fl-ammont ta' €48,085 u ma ġiex estint għal kollox bil-kontromandat imsemmi. Għalhekk ir-rikors odjern m'għandux jitqies li hu legalment insostenibbli jew superfluwu għaliex dak illi qiegħed jintalab b'din il-proċedura huwa li l-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1301/16 jiġi revokat limitatament għar-rigward taċ-ċedola numru 1518/16.

Illi kawntu għal dak illli jingħad mis-soċjetà sekwestranta fir-raba' paragrafu tar-risposta tagħha, tqis illi l-kontromandat ma affetwax il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1301/16 għar-rigward tal-ammont depożitat mill-Bank of Valletta biċ-ċedola 1518/16.

Illi is-soċjetà sekwestranta jsostni wkoll fil-ħames paragrafu tar-risposta tagħha li ma tistax tifhem qed tiġi mitluba r-revoka tal-kontromandat numru 1583/16 għax dan ifisser ir-riattivazzjoni tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1301/2016. Filwaqt li huwa minnu li ġuridikament mhux possibbli r-riattivazzjoni ta' mandat b'rikors fejn tintalab ir-revoka ta' kontromandat, is-soċjetà sekwestranta qed tagħmel premessi kompletament żbaljati biex tasal għal konklużjonijiet u eċċezzjonijiet li fir-realtà ma jeżistux. Fir-rikors odjern evidentement mhux qed tintalab ir-revoka ta' kontromandat imma r-revoka parzjali ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li għadu parzjalment fis-seħħ.

Illi l-Qorti mhux ser tikkonsidra l-argumenti imqajma mis-soċjetà sekwestranta fis-sitt paragrafu tar-risposta tagħha stante li jidher ċar mid-diċitura tar-rikors u mit-talbiet, li dawn kienu qegħdin isiru taħt l-artikolu 836(1)(ċ) u mhux taħt l-artikolu 836(8)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ukoll ġie speċifikat fil-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Frar, 2016 quddiem il-Qorti.

Illi għar-rigward ta' dak illi ssostni s-soċjetà sekwestranta fit-tmien, fid-disgħa u fl-għaxar paragrafu tar-risposta tagħha rigward il-fatt li l-PL Nicholette Aquilina ffirmat il-kontromandat tas-soċjetà sekwestranta numru 1583/16 u sussegwentement iffirmat ir-rikors odjern tas-sekwestrati, b'dan il-mod is-sekwestrati l-ewwel aċċettaw li jżommu

ferm il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għar-rigward taż-żewġ ċedoli ta' depożitu, filwaqt li bil-proċedura odjerna qed jittentaw jirriduċu l-effett tal-imsemmi mandat għal ċedola ta' depożitu waħda. Il-Qorti ma tara l-ebda kontradizzjoni f'dan kollu, 'il għaliex fl-istadju tat-trattattivi preċedenti, is-sekwestrati aċċettaw dak li hemm fil-kontromandat, li del resto mhux tagħhom iżda tas-soċjetà sekwestranta, mentri f'dan l-istadju tal-proċeduri odjerni qegħdin isostnu illi hemm lok li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jiġi limitat ulterjorment u l-Qorti għalhekk trid tara jekk preżentement dan huwiex ġustifikat jew le irrispettivament minn x'kienu aċċettaw is-sekwestrati fit-trattattivi preċedenti.

Illi kwantu għall-mertu tar-rikors odjern, fid-dawl anki tal-eċċezzjoni fis-sebgħa paragrafu tar-risposta tas-soċjetà sekwestranta, il-Qorti tqis illi fir-rigward ta' proċeduri li jsiru *ai termini* tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12, kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, l-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 tal-Kap. 12 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*[1]. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **Camilleri *vs.* Govè *et*.** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:

> "Mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi

[1] **J.V. & S. Developments Limited (C28790) *vs.* Scala Developments Limited**, PA deċiża 9 ta' Jannar 2012. Ġunju 2003.

> investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."[2]

Tqis illi fl-ambitu tal-eżami *prima facie* li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami *prima facie*, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħha, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.

Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħrug ta' kontromandat wara l-aċċertament *prima facie* li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet.

Illi filwaqt li huwa minnu li ċ-ċedola ta' depożitu nru 1584/2016 li saret mill-APS Bank Limited, tkopri s-sorti mitlub fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1301/16, fl-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju hemm ukoll riżervati l-imgħaxijiet u l-ispejjeż. F'każ ta' eżitu pożittiv għas-soċjetà sekwestranta, l-eventwali imgħax u spejjeż li jistgħu jiġu akkordati fil-kawża Rikors Maħluf Numru 788/2016LM evidentement mhumiex koperti bl-imsemmija ċedola numru

---

[2] Ara wkoll is-sentenza **Emanuel Sammut *vs.* Josephine Sammut**, PA deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003.

1584/2016 u għaldaqstant ma tarax lok għalfejn it-talba tas-sekwestrati għandha tiġi milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà sekwestranta ħlief għas-seba' eċċezzjoni tagħha li qiegħda tiġi milqugħa, tiċħad it-talba tas-sekwestrati, bl-ispejjeż kontra s-sekwestrati.**

Mogħtija kameralment fis-16 ta' Frar, 2017